MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 1088/1998/1

**Jacqueline Zerafa f'isimha *proprio* u bhala kuratrici *ad litem* tat-tarbija Brandon Lee**

**Vs**

**(1) Martin Zerafa**
**(2) Fabio Psaila**
**(3) Direttur tar-Registru Pubbliku ghal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici *proprio et nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attrici hija mizzewga lill-konvenut Martin Zerafa;

Premess illi fit-3 ta' Mejju 1998 twieldet lill-attrici t-tarbija Brandon Lee ta' sess maskili, (Ara Dok. JZ1);

Premess illi din it-tarbija hija frott ta' relazzjoni li l-attrici kellha mal-konvenut Fabio Psaila;

Premess illi ghalhekk huwa car li t-tarbija hija l-wild naturali u biologiku tal-konvenut Fabio Psaila u mhux tal-konvenut Martin Zerafa;

Talbet ghalhekk l-attrici *proprio et nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li t-tarbija Brandon Lee ta' sess maskili li twieldet lill-attrici fit-3 ta' Mejju 1998 hija l-wild naturali ta' Fabio Psaila;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fic-certifikat tat-twelid ta' l-imsemija tarbija tikkancella u tissoprimi isem il-konvenut Martin Zerafa kull fejn jidher indikat bhala missier it-tarbija u tissostitwixxi floku isem il-konvenut Fabio Psaila bhala l-missier naturali;

Bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attrici *proprio et nomine* u l-lista tax-xhieda minnha indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi huwa ma kienx edott mill-fatti u ghalhekk irrimetta ruhu ghall-provi migjuba salv li jkunu l-ahjar u soddisfacenti skond il-ligi;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-Qorti tista' biss tilqa' t-tieni talba ta' l-attur jekk jirrizultalha li l-Kap 16 jipprovdi li tista' ssir tali talba;

3. Illi huwa ma kellux ibati spejjez;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat il-verbal ta’ l-udjenza tad-9 ta’ Ottubru tas-sena 2000 li permezz tieghu l-konvenut Martin Zerafa u l-konvenut Fabio Psaila rrinunzjaw ghad-dritt li jaghmlu nota ta’ l-eccezzjonijiet;

Rat id-digriet moghti l-imsemmija udjenza li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Deborah Huber biex tigbor il-provi;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

L-azzjoni hawn esperita mill-iben minuri hi dik tar-ricerka tal-paternita` naturali. Fl-istess waqt hi azzjoni diretta biex tattakka wiehed mill-elementi tal-legittimita` dokumentata fl-Att tat-Twelid tieghu fejn hu muri li twieled minn relazzjoni bejn ommu u r-ragel taghha fil-kors taz-zwieg;

Din il-kontestazzjoni tieghu ghandha l-iskop li twaqqa' l-presunzjoni dettata mill-Artikolu 67 tal-Kodici Civili li taghmel lil zewg ommu l-missier legittimu tieghu. Presunzjoni li in forza tal-precitat artikolu tal-ligi topera fejn jezistu dawn it-tliet presupposti fil-kaz ta' "iben imnissel matul iz-zwieg":-

(i) zwieg validu bejn il-genituri;
(ii) twelid mill-mara mizzewga;
(iii) koncepiment matul iz-zwieg.

Azzjoni bhal din tendenti ghar-reklamar ta' stat divers minn dak li jaghtih l-att tat-twelid tista' tkun fondata fuq *causa petendi* diversi, u hi konsentita lill-attur kwalunkwe mezz ta' prova (Artikolu 83). Naturalment tenut rigward ta' l-importanza tal-materja ghall-minuri tali prova trid tkun wahda determinanti, konklussiva u, fuq kollox, rassikuranti. Dan anke fid-dawl ta' dak sancit fl-Artikolu 81 tal-Kodici Civili;

Issa l-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma dawk hawn taht relatati:-

I. Omm il-minuri u zewgha l-konvenut Martin Zerafa kienu ilhom ma jghixu flimkien mill-1995;

II. Minn dak iz-zmien 'il quddiem huma ma kellhom l-ebda relazzjonijiet sesswali. Ara xhieda kemm ta' Jacqueline Zerafa (fol. 36) kif ukoll ta' zewgha (fol. 40). Fil-fatt hi kienet tabita l-Marsa filwaqt li r-ragel taghha mar jghix ma' ommu;

III. Jirrizulta li mill-1996 bdew jattivaw il-procediment konducenti ghas-separazzjoni li fil-fatt giet konkjuza bil-kuntratt ta' l-10 ta' Dicembru 1998 (fol. 29);

IV. Kemm Jacqueline Zerafa kif ukoll il-konvenut Fabio Psaila (fol. 38) jikkonfermaw illi kienu jikkoabitaw flimkien mill-1997 u fil-fatt, skond l-istess Fabio Paila, damu jghixu flimkien ghal sena u tliet xhur. F'dan iz-zmien gie koncepit l-attur li twieled fit-3 ta' Mejju 1998;

V. Jirrizulta illi dan Fabio Psaila rrikonoxxa fid-deposizzjoni tieghu illi l-minuri huwa ibnu. Minn naha l-ohra l-konvenut Martin Zerafa oltre li jghid li hu sar jaf bi tqala ta' martu minghand ommu, jiddikjara, konguntement ma' martu, fl-att tas-separazzjoni illi l-minuri ma kienx il-wild naturali tieghu;

Minn dak li jemergi minn dawn il-provi hu car illi minn zmien qabel il-koncepiment u t-twelid ta' l-attur, ommu u zewgha Martin Zerafa kienu mifruda *de facto* u dippju li ommu kienet tghammar *more uxorio* f'dar wahda mal-konvenut Fabio Psaila li hu jikkontendi li hu missieru;

Jemergi wkoll illi Martin Zerafa, zewg ommu, qatt ma gharaf lill-attur bhala ibnu u li anzi l-veru missieru Fabio Psaila dejjem irrikonoxxa lill-attur bhala ibnu;

Il-Qorti ma tistax ma tiehux in konsiderazzjoni dan ir-rikonoxximent volontarju tal-veru missier in kwantu dan jikkorrispondi ghall-interess ta' l-istess minuri;

Meta imbaghad dan l-istess rikonoxximent jikkonvergi mal-pussess ta' stat tal-minuri dan inehhi u jelimina kull xorta ta' dubju li talvolta seta' kien hemm ghall-approvazzjoni tat-talba. Dubju li ovvjament kien jinsorgi kieku l-attur ma rnexxielux jipprova li hu ghandu pussess ta' stat divers minn dak ta' l-att tat-twelid (**Vol. XXIII P II p 128**). Fil-kaz *de quo*, kif manifest, dawn iz-zewg estremi ma jikkonkorrux flimkien;

L-attur ma kellux ghalfejn jiddimostra illi zewg ommu kien allontanat minnha fis-sens assolutista imfisser fil-gurisprudenza (**Vol. XXII P I p 177**) fil-mument tat-tnissil. Dan ghaliex kif gja inghad il-ligi takkordalu kull prova ohra kuntrarja biex jikkontesta l-istat legittimu tieghu. Prova din li dwarha l-Qorti tista' tghid li kienet wahda sodisfacenti u bastanti biex twaqqa' l-presunzjoni *juris tantum* tal-precitat Artikolu 67 tal-Kapitolu 16.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi in bazi ghal konsiderazzjonijiet fuq maghmula tilqa' l-ewwel talba attrici billi tiddikjara li l-minuri Brandon Lee li twieled fit-3 ta' Mejju 1998 ma huwiex iben il-konvenut Martin Zerafa izda l-wild naturali tal-konvenut Fabio Psaila;

Tilqa' konsegwentement it-tieni talba billi tordna r-rettifikazzjoni opportuna fl-Att tat-Twelid ta' l-istess minuri Numru ta' Registrazzjoni 1892/1998 billi l-isem tal-missier li jinsab imnizzel bil-kliem "Martin Zerafa" kompriz il-konnotati kollha li jirreferu ghalih jigu mhassra u sostitwiti bil-kliem "Fabio Psaila" u taht il-kolonni 'Professjoni, sengha jew stat iehor', jitnizzel "impjegat", 'Eta`', "23", taht 'Fejn Twieldu, Joqghodu', "Pieta`" u "Marsa", u taht il-kolonna 'Isem u Kunjom il-missier, jekk hux haj jew mejjet, jitnizzel "Alfred Psaila", "haj";

Il-Qorti tordna wkoll illi mit-taghrif relattiv ghall-omm jithassru l-kliem '*the said*'.

L-ispejjez tal-kawza jibqghu a kariku ta' l-attrici *proprio* u tal-konvenut Fabio Psaila fi kwoti ndqas bejniethom.

--------------------------------TMIEM--------------------------------